ANTON TEUMA
ISQOF TA' GĦAWDEX

*Ittra Pastorali lill-Arċipriet u l-Komunità Parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur*

## Komunità ta' komunitajiet

Għażiż Arċipriet,

Wara l-Viżta Pastorali li għamilt fil-Parroċċa għażiża tagħkom, iddedikata lil San Pietru u San Pawl, inrodd ħajr lil Alla u nista' ngħid ma' Pawlu: *"Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet, fi Kristu. Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba"* (Efes 1:3-4).

Innutajt b'sodisfazzjon spiritwali li l-parteċipazzjoni tal-poplu ta' Alla fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għadha waħda b'saħħitha, kemm f'Jum il-Mulej, il-Ħadd, u kemm matul il-ġimgħa. Dan kollu huwa possibbli minħabba d-dedikazzjoni tas-saċerdoti tal-Parroċċa, tal-għaqda ta' bejniethom u tal-ħidma li jagħmlu flimkien.

Ta' min ikompli jħeġġeġ biex il-familji ż-żgħar ikomplu d-drawwa sabiħa tas-sehem tagħhom fil-quddiesa u jgħadduha lit-tfal tagħhom. Fl-istess waqt, is-saċerdoti jkomplu jagħmlu l-ħila kollha tagħhom biex l-Ewkaristija tal-Ħadd tibqa' tiġi ċċelebrata b'dinjità u bi preparazzjoni serja. Pożittiv ukoll huwa s-sehem tal-lajċi fil-quddiesa, kemm fl-animazzjoni u kemm fix-xandir tal-Kelma u fl-għajnuna tal-ministri straordinarji fit-Tqarbin Imqaddes. Is-servizz mogħti mill-abbatini huwa ta' utilità kbira. Jalla l-grupp tal-abbatini jkompli jkun mixtla ta' vokazzjonijiet fil-parroċċa.

San Pawl jistqarr li l-fidi tiġi mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla (ara Rum 10:17). Hija grazzja kbira l-preżenza f'saħħitha tal-Museum fiż-żewġ friegħi tiegħu, kemm maskili u kemm femminili. Ta' min ifaħħar u jinkuraġġixxi l-ħidma ġeneruża ta' dawn is-soċji. Ta' min jirringrazzja lil Alla wkoll għall-gruppi numerużi ta' żgħażagħ u adolexxenti li jiltaqgħu fiċ-Ċentru. Il-formazzjoni Nisranija ta' dawn tiggarantixxi l-futur tal-Parroċċa. Il-ħidma mal-għarajjes, il-komunità Ewkaristika, l-Azzjoni Kattolika, il-Leġjun ta' Marija, il-grupp ta' Patri Piju tal-Pjagi, il-grupp tal-Istilel marbut mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, il-grupp tar-romol, il-grupp tal-koppji żgħar tal-Azzjoni Kattolika, huma kollha opportunitajiet importanti ta' smigħ tal-Kelma u ta' tisħiħ tal-fidi. Il-formazzjoni Nisranija permezz tas-smigħ tal-Kelma hija waħda mill-kolonni importanti li fuqhom trid tistrieħ il-komunità parrokkjali.

"L-imħabba tagħti minn dak li hu tagħha, l-imħabba tieħu paċenzja, l-imħabba taf tħenn…" (ara 1 Kor 13). Huma diversi l-gruppi ta' nies li joffru mill-ħin tagħhom għall-qadi tal-Parroċċa. Hemm dawk li jaħdmu fl-Uffiċċju Parrokkjali, dawk li jqassmu l-Bullettin, dawk li jgħinu fiż-żamma tal-Knisja, fit-tindif, fit-tħejjija ta' kuljum kif ukoll fl-armar u f'kulma jkun meħtieġ. Id-dedikazzjoni ta' dawn in-nies flimkien mal-imħabba tagħhom lejn il-Parroċċa jkomplu jgħinu biex il-Knisja tkun id-dar ta' Alla u ta' kulħadd.

Il-Kurja, Kaxxa Postali 1, Triq ir-Repubblika, il-Belt Victoria VCT 1013, Għawdex, Malta
TEL: (+356) 2155 6661 - (+356) 2155 6427 - (+356) 2155 1211 - (+356) 2155 1278
WEBSITE: www.gozodiocese.org EMAIL: bishopsecretary@churchingozo.mt; info@churchingozo.mt FB: GozoDiocese

Ma' dawn hemm ukoll dawk li jieħdu ħsieb il-persuni li huma fil-bżonn. Hija ħaġa sabiħa l-kura li l-Parroċċa tagħti lill-anzjani u lill-persuni li huma waħedhom permezz ta' laqgħat fil-ġimgħa, permezz tat-tqarbin imqaddes, kif ukoll permezz ta' attenzjoni għal dawk li jkollhom ħtiġijiet bażiċi tal-ħajja ta' kuljum. Hekk il-Kelma ta' Alla li tiġi mħabbra u l-Ewkaristija li tiġi ċċelebrata jsibu l-qofol tagħhom fil-qadi bl-imħabba lil min hu fil-bżonn.

Il-Parroċċa tagħkom tgawdi minn diversi gruppi li jgħinu fl-organizzazzjoni. Ta' min jirringrazzja lill-Kunsill Parrokkjali għall-ħidma pastorali u għall-attenzjoni tiegħu għall-ħtiġijiet tal-Parroċċa. Ta' min jinnota s-serjetà tal-Kumitati tal-Festa u tal-Ġimgħa l-Kbira. L-ispirtu ta' Alla muri fil-ħajja ta' Pietru u Pawlu jkompli jqawwi u jsaħħaħ dawn il-ħidmiet. Ta' min isemmi l-grupp tal-media li b'serjetà u professjonalità jwassal il-Kelma bir-radju, bil-mezzi soċjali u bil-karta stampata. Napprezza immens l-isforzi tal-kumitati tal-armar li jaħdmu id f'id għall-qima tal-qaddisin tal-Parroċċa u għall-ġid tar-raħal. Nirrikonoxxi u napprezza l-isforzi ta' kull min hu involut fil-formazzjoni tal-kumitat tan-nar li poġġa fl-ewwel post l-għaqda fir-raħal u l-imħabba Nisranija.

Fl-aħħar nett, napprezza x-xewqa li tissaħħaħ l-adorazzjoni fil-Parroċċa għażiża tagħkom. Minbarra l-prayer room li fiha ssir l-adorazzjoni waranofsinhar, tkun ħaġa tajba li jkun hemm l-opportunità ta' adorazzjoni fil-ħinijiet ta' filgħodu fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù skont id-diskrezzjoni tal-Arċipriet u l-Presbiterju. Filwaqt li l-festi liturġiċi prinċipali u s-sagramenti għandhom ikomplu jiġu ċċelebrati fil-Knisja Parrokkjali, tkun ħaġa qaddisa li jiġu ddedikati xi ħinijiet ta' adorazzjoni fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, biex hekk jitwettaq l-iskop ewlieni li għalih kienet mibnija.

Intemm l-ittra tiegħi bi kliem l-Appostlu Pietru: *"Alla li jagħti kull grazzja, li sejħilkom għall-glorja tiegħu ta' dejjem fi Kristu, hu nnifsu jerġa' jġeddidkom, iwettaqkom, isaħħaħkom u jqegħedkom fis-sod. Tiegħu hi s-setgħa għal dejjem!"* (1 Piet 5:10-11).

Nagħtikom il-barka tiegħi.

+ Anton Teuma

✠ **Anton Teuma**
Isqof ta' Għawdex

25 ta' Jannar 2025,
Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl

ANTONIUS TEUMA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS